MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 37/2000/1

**International Automobiles Limited**

**Vs**

**Anthony Magri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm580.52) liema somma hija dovuta skond erba (4) kambjalijet (004 sa 007) iffirmati mill-istess konvenut, li kopja taghhom qed tigi esebita, liema kambjaljiet skadew izda baqaw ma thallsux, nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 11 ta’ Dicembru 1998 u ta’ mandat ta’ Qbid ippresentat ma l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-

imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Wara li rat il-kopja tal-kambjalijiet annessi mal-istess avviz minn fol 2 sa fol 13 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Jannar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm580.52,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala annessa sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------